Ottubru 2023

# PARLAMENT EWROPEW

## Gwida għall-kandidati fil-kompetizzjonijiet miftuħa/ proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-Parlament Ewropew

*Għall-finijiet ta' din il-gwida, it-terminu "avviż" jirreferi għal "avviż ta' kompetizzjoni" fil-kuntest ta' kompetizzjoni u għal "avviż ta' reklutaġġ" fil-kuntest ta' proċedura ta' selezzjoni.*

### 1. INTRODUZZJONI

*Kif tiżvolġi kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni?*

Kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jinvolvu sensiela ta' stadji fejn il-kandidati jikkompetu bejniethom. Dawn huma miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) li, sad-data tal-iskadenza stabbilita għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eleġibilità, joffru l-istess possibilità lill-kandidati kollha biex juru l-ħiliet tagħhom u jippermettu selezzjoni bbażata fuq il-mertu, fir-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Il-kandidati li jgħaddu mill-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jitniżżlu f'lista ta' kandidati idonei li se sservi bħala bażi għall-Parlament Ewropew sabiex jimla l-pożizzjonijiet tiegħu skont il-ħtiġijiet tiegħu.

Għal kull kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jiġi kostitwit bord ta' selezzjoni[1]. Il-membri tiegħu jinħatru mill-amministrazzjoni u l-kumitat tal-persunal. Il-proċedimenti tiegħu huma sigrieti u jitwettqu skont l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[2].

Il-bord ta' selezzjoni jimxi b'mod strett mar-rekwiżiti ta' eleġibilità msemmija fl-avviż biex jiddeċiedi dwar l-eleġibilità jew le ta' kull kandidat. Il-kandidati li kienu ammessi għal kompetizzjoni jew proċedura ta' selezzjoni preċedenti ma jkunux awtomatikament eleġibbli.

Sabiex jagħżel l-aħjar kandidati, il-bord ta' selezzjoni jqabbel il-prestazzjonijiet tal-kandidati bl-għan li jivvaluta l-ħila tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-avviż. Għalhekk ma għandux biss jivvaluta l-livell tal-għarfien tagħhom, iżda għandu jidentifika wkoll il-persuni l-aktar kwalifikati abbażi tal-merti tagħhom.

---

[1] Għall-finijiet ta' dan id-dokument, it-terminu "bord ta' selezzjoni" jirreferi għal kwalunkwe tip ta' kumitat ta' selezzjoni u bord ta' selezzjoni. Fil-kuntest ta' kompetizzjoni, huwa bord ta' selezzjoni. Fil-kuntest ta' proċedura ta' selezzjoni, huwa kumitat ta' selezzjoni.

[2] Ara r-Regolament (KEE, Euratom, CECA) Nru 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

Għall-informazzjoni, kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni ġeneralment idumu bejn sitt xhur u tnax-il xahar, skont in-numru ta' kandidati.

## 2. STADJI TAL-KOMPETIZZJONI/TAL-PROĊEDURA TA' SELEZZJONI

L-istadji tal-kompetizzjoni/tal-proċedura ta' selezzjoni huma dawn li ġejjin:

— wasla tal-fajls tal-applikazzjoni;

— preselezzjoni (jekk prevista fl-avviż) u ammissjoni (valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji ta' eleġibilità);

— valutazzjoni tal-kwalifiki (jekk previsti fl-avviż);

— testijiet;

— inklużjoni f'lista ta' kandidati idonei.

### *2.1 Wasla tal-fajls tal-applikazzjoni*

Ir-reġistrazzjoni ssir esklużivament online fuq il-pjattaforma Apply4EP billi ssegwi b'mod rigoruż kull stadju sal-validazzjoni elettronika finali tal-applikazzjoni tiegħek (ara t-taqsima 3 ta' din il-gwida). Jeħtieġlek tehmeż, preferibbilment fil-format PDF, id-dokumenti ġustifikattivi rilevanti kollha meħtieġa li jagħtu prova li inti tissodisfa r-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-avviż. Dawn id-dokumenti jippermettu lill-bord ta' selezzjoni jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw.

Il-pjattaforma Apply4EP tippermettilek ittella' dokumenti f'format DOC, DOCX, GIF, JPG, TXT, PDF, PNG jew RTF li jiċċertifikaw l-esperjenza professjonali, il-kwalifiki u, meta applikabbli, l-għarfien lingwistiku msemmija fil-formola tal-applikazzjoni. L-ebda dokument ma jista' jkun akbar minn 5 MB.

Il-lista tal-kandidati li jkunu ssottomettew il-fajl tal-applikazzjoni tagħhom skont il-modalitajiet stipulati fl-avviż u sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet tiġi stabbilita mill-awtorità tal-ħatra u mbagħad tintbagħat flimkien mal-fajls lill-bord ta' selezzjoni.

### *2.2 Preselezzjoni u ammissjoni (valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji ta' eleġibilità)*

#### 2.2.1 Preselezzjoni

Jekk fl-avviż ikun inkluż stadju ta' preselezzjoni, dan jista' jikkonsisti minn stadju sekondarju wieħed jew tnejn:

a. sett ta' mistoqsija b'għażla multipla (MCQ) u/jew
b. evalwazzjoni tal-kapaċitajiet

***Xenarju 1: It-test MCQ biss huwa organizzat***

Jekk tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek skont l-arranġamenti stipulati, inti tiġi mistieden tagħmel it-test ta' preselezzjoni fil-forma ta' sett testijiet MCQ ibbażati fuq il-kompjuter. It-test se jkun immarkat bil-kompjuter. Permezz tal-kont Apply4EP tiegħek, se tirċievi eżempji tal-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet dwar kif għandek tagħmel it-test MCQ.

Il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta l-konformità mal-kriterji ta' eleġibilità ġenerali u speċifiċi (ara t-taqsima 2.2.2 ta' din il-gwida), billi jieħu l-fajls tal-applikazzjonijiet tal-kandidati **f'ordni dixxendenti tal-punti miksuba fit-test MCQ**. Il-bord ta' selezzjoni mhux se jkompli l-valutazzjoni tiegħu ladarba jintlaħaq in-numru massimu ta' kandidati li għandhom jiġu ammessi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni. Il-bord ta' selezzjoni jiddeċiedi li l-kandidati kollha li jkunu ġew *ex aequo* fl-aħħar post se jiġu ammessi.

***Xenarju 2: Jiġi organizzat biss l-istadju sekondarju tal-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet***

Għandek issib l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet (formola) mehmuża mal-avviż. **Trid timliha u ttellagħha fil-post xieraq f'Apply4EP meta tissottometti l-applikazzjoni tiegħek fuq il-pjattaforma.**

Sabiex jintgħażlu l-kandidati li għandhom jiġu ammessi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni/tal-proċedura ta' selezzjoni, il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta l-kwalifiki tal-kandidati (b'mod partikolari d-diplomi, l-għarfien lingwistiku u l-esperjenza professjonali) u r-rilevanza tagħhom għad-dmirijiet li għandhom jitwettqu u għall-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż. Il-bord ta' selezzjoni se jagħti l-punti **biss** abbażi tat-tweġibiet mogħtija mill-kandidati fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet. Il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta wkoll il-konformità mal-kriterji ta' eleġibilità ġenerali u speċifiċi (ara t-taqsima 2.2.2 ta' din il-gwida). In-numru ta' kandidati li l-bord ta' selezzjoni jiddeċiedi li se jiġu ammessi għall-istadju li jmiss huwa speċifikat fl-avviż (inklużi l-kandidati kollha li jkunu ġew *ex aequo* fl-aħħar post).

***Xenarju 3: Jiġu organizzati kemm it-test MCQ kif ukoll l-istadju sekondarju tal-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet***

Għandek issib l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet (formola) mehmuża mal-avviż. **Trid timliha u ttellagħha fil-post xieraq f'Apply4EP meta tissottometti l-applikazzjoni tiegħek fuq il-pjattaforma.**

Jekk tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek skont l-arranġamenti stipulati, inti tiġi mistieden tagħmel it-test ta' preselezzjoni fil-forma ta' sett testijiet MCQ ibbażati fuq il-kompjuter. It-test se jkun immarkat bil-kompjuter. Permezz tal-kont Apply4EP tiegħek, se tirċievi eżempji tal-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet dwar kif għandek tagħmel it-test MCQ.

Sabiex jintgħażlu l-kandidati li għandhom jiġu ammessi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni/tal-proċedura ta' selezzjoni, il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta l-kwalifiki tal-kandidati (b'mod partikolari d-diplomi, l-għarfien lingwistiku u l-esperjenza professjonali) u r-rilevanza tagħhom għad-dmirijiet li għandhom jitwettqu u għall-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż.

**Barra minn hekk, il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta biss l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tal-kandidati bl-ogħla punteġġ fit-test MCQ** (inklużi dawk kollha li jkunu ġew *ex aequo* fl-

aħħar post), bin-numru ta' kandidati li jiġu ammessi għall-istadju li jmiss ikun speċifikat fl-avviż. Il-fajls tal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tal-kandidati li jaqgħu taħt il-limitu mhux se jiġu kkunsidrati.

Il-bord ta' selezzjoni se jagħti l-punti **biss** abbażi tat-tweġibiet mogħtija mill-kandidati fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet. Il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta wkoll il-konformità mal-kriterji ta' eleġibilità ġenerali u speċifiċi (ara t-taqsima 2.2.2 ta' din il-gwida). Il-bord ta' selezzjoni jiddeċiedi li l-kandidati kollha li jkunu ġew *ex aequo* fl-aħħar post se jiġu ammessi.

### 2.2.2 Ammissjoni (valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji ta' eleġibilità)

Il-bord ta' selezzjoni jeżamina l-fajls tal-applikazzjoni u jistabbilixxi lista ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eleġibilità stabbiliti fl-avviż. Huwa jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu **esklużivament** fuq l-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni li tkun **issostanzjata minn dokumenti ġustifikattivi**. Fil-każ ta' stadju ta' preselezzjoni (ara t-taqsima 2.2.1 ta' din il-gwida), din il-lista tqis l-eżitu tal-preselezzjoni skont il-kundizzjonijiet speċifikati fl-avviż.

L-istudji, it-taħriġ, l-esperjenza professjonali u l-għarfien lingwistiku għandhom jiġu speċifikati fid-dettall fil-formola tal-applikazzjoni, jiġifieri:

— għall-istudji: id-dati tal-bidu u tat-tmiem, kif ukoll id-deskrizzjoni tad-diploma jew tad-diplomi u s-suġġetti studjati;
— għall-esperjenza professjonali: id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-esperjenza professjonali, kif ukoll **deskrizzjoni preċiża tal-kompiti mwettqa**. Il-ħin tax-xogħol jew in-numru ta' sigħat maħduma kull jum/ġimgħa/xahar għandhom jiġu speċifikati wkoll.
— għal-lingwi: il-lingwa 1 tiegħek u l-livell ta' għarfien, il-lingwa 2 tiegħek u l-livell ta' għarfien, u l-lingwi l-oħra li taf. Għall-profili tal-lingwisti, u jekk stipulat fl-avviż: il-lingwa 3 tiegħek u l-livell ta' għarfien, u l-lingwa 4 tiegħek u l-livell ta' għarfien ukoll. Jeħtieġ li tesprimi l-livell tiegħek skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (https://europa.eu/europass/common-european-framework-reference).

Jekk tkun ippubblikajt studji, artikli, rapporti jew testi oħra b'rabta man-natura tal-funzjonijiet deskritti fl-avviż, inti għandek tinkludihom fil-formola tal-applikazzjoni.

F'dan l-istadju, mhumiex se jiġu ammessi l-kandidati li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eleġibilità stabbiliti fl-avviż, il-kandidati li d-dokumenti ġustifikattivi mehmuża tagħhom ma jikkorroboraw x b'mod suffiċjenti u/jew preċiż l-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni, kif ukoll il-kandidati li d-dokumenti ġustifikattivi tagħhom ma jippermettux lill-bord ta' selezzjoni jivverifika li jissodisfaw il-kriterji ta' eleġibilità stabbiliti fl-avviż.

Se tkun informat b'mod individwali b'email dwar id-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni jekk tiġix ammess jew le għall-istadju li jmiss fil-kompetizzjoni/fil-proċedura ta' selezzjoni.

## *2.3 Valutazzjoni tal-kwalifiki*

Jekk indikat fl-avviż, il-bord ta' selezzjoni jivvaluta l-kwalifiki tal-kandidati magħżula għall-kompetizzjoni/għall-proċedura ta' selezzjoni sabiex jagħżel il-kandidati li jiġu mistiedna għat-testijiet. Huwa jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu **esklużivament** fuq l-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni li tkun **issostanzjata minn dokumenti ġustifikattivi rilevanti**,

preferibbilment fil-format PDF. Il-bord ta' selezzjoni jibbaża ruħu fuq il-kriterji li jkun stabbilixxa minn qabel, filwaqt li jqis il-kwalifiki stabbiliti fl-avviż.

Se tkun informat b'email dwar id-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni jekk ġejtx ammess jew le għat-testijiet.

### *2.4 Testijiet*

It-testijiet kollha huma obbligatorji u eliminatorji. In-numru massimu ta' kandidati ammessi għat-testijiet huwa stabbilit fl-avviż. Id-deskrizzjoni tat-testijiet u l-punti li jistgħu jingħataw jinsabu fl-avviż.

**Dettalji tekniċi – Testijiet online (MCQ u test(ijiet) bil-miktub)**

Il-Parlament Ewropew jaħdem ma' fornitur tas-servizzi (TestWe) biex jagħmel it-testijiet online.

**Jekk jogħġbok kun af li s-software tal-ittestjar online bħalissa mhuwiex aċċessibbli b'mod diġitali (ara t-taqsima 3.1.1 ta' din il-gwida għal aktar informazzjoni).**

Għaldaqstant se jkollok bżonn kompjuter (desktop jew laptop) li jkollu:

- sistema operattiva Microsoft Windows 10 jew aktar reċenti, jew inkella Apple OS X 10.13 jew aktar reċenti għal Mac;
- kapaċità ta' 1 GB ta' spazju liberu fuq il-hard disk;
- kamera fuq in-naħa ta' quddiem li tkun konnessa mal-kompjuter tiegħek jew integrata fih;
- konnessjoni tal-internet;
- 4 GB ta' RAM.

Jekk ikun hemm tibdil fir-rekwiżiti tekniċi minimi bħala konsegwenza ta' aġġornament tas-software, tirċievi notifika qabel it-test(ijiet).

Is-sistemi operattivi XP, Vista u eqdem, Windows 10 S, Windows ARM (RT), MacOs eqdem minn 10.11, IOS (iPad, iPhone), Android, Chromebook, Virtual Machine, Linux (Debian, Ubuntu, ...) u OS ta' 32 bits mhumiex adatti.

Irid ikollok ukoll drittijiet ta' amministratur għall-kompjuter jew il-laptop biex timblokka l-aċċess għall-applikazzjonijiet kollha (dokumenti, pakketti ta' software oħrajn, siti web, eċċ.), ħlief għas-software tal-fornitur tas-servizzi matul id-durata tat-test(ijiet).

Trid taċċerta ruħek li l-kompjuter tiegħek huwa ssettjat fil-ħin u d-data korretti u li r-riżoluzzjoni tal-iskrin tiegħek hija korretta.

**Jeħtieġlek tniżżel, tinstalla, tivverifika u tittestja l-pjattaforma mill-aktar fis possibbli (mill-inqas ġimgħa qabel it-test(ijiet))**. Biex tkun tista' tittestja l-pjattaforma wara l-installazzjoni, inti mistieden twettaq test ta' prerekwiżiti meta taċċedi għaliha. **Dan it-test ta' prerekwiżiti huwa obbligatorju u jrid isir fuq il-kompjuter li se jintuża dakinhar tat-test(ijiet)**. Dan it-test ta' prerekwiżiti mhux se jkun ikkoreġut. Dan jippermettilek tiffamiljarizza ruħek mal-pjattaforma u mal-użu tagħha.

**Kwalunkwe sistema ta' antivirus fuq il-kompjuter trid tiġi diżattivata waqt l-użu tal-pjattaforma.**

**Aktar informazzjoni u struzzjonijiet dwar is-sessjoni tal-ittestjar se jintbagħtulek mal-ittra ta' stedina għat-test(ijiet).**

**Dakinhar tat-test(ijiet): Jekk issib problema matul it-test(ijiet), ċempel minnufih lill-fornitur tas-servizzi, fuq in-numru +33 1 76 41 14 88** biex tkun tista' ssolvi l-problema u tkompli bit-test tiegħek.

F'każ ta' abbandun, it-testijiet ma jiġux ikkoreġuti.

**Id-data u l-ħin indikati fl-istedina għat-test(ijiet) MCQ jew it-test(ijiet) bil-miktub online huma l-uniċi data u ħin possibbli. Jekk ma tkunx tista' tieħu sehem fit-test(ijiet), ma jkollokx possibilità oħra li tagħmlu.**

### 2.5 *Lista ta' kandidati idonei*

Il-lista ta' kandidati idonei tiġi ppubblikata f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-avviż.

Il-fatt li isem kandidat jitniżżel fil-lista ta' kandidati idonei jfisser li jista' jiġi mistieden minn wieħed mid-dipartimenti tal-Parlament, iżda dan ma jikkostitwixxi la dritt u lanqas garanzija ta' reklutaġġ.

## 3. KIF TAPPLIKA?

### 3.1 *Kummenti ġenerali*

Qabel tapplika, għandek tiċċekkja bir-reqqa li tissodisfa l-kriterji ta' eleġibilità kollha, billi taqra fil-fond dan l-avviż u din il-gwida u tieħu nota tar-rekwiżiti stabbiliti minnhom.

L-applikazzjonijiet għal kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni jiġu sottomessi permezz ta' pjattaforma online, Apply4EP. Din hija aċċessibbli fuq: https://apply4ep.gestmax.eu. Biex toħloq kont f'Apply4EP, ikklikkja fuq il-buttuna "Applika online" li tinsab isfel nett fil-paġna tal-avviż li tkun tixtieq tapplika għalih, u segwi l-istruzzjonijiet.

Tista' toħloq kont **wieħed** biss. Madankollu, tista' taġġorna l-informazzjoni personali tiegħek fil-kont.

**NB:** Jekk tħalli l-paġna mingħajr ma ssalva qabel ma tkun iffinalizzajt l-applikazzjoni tiegħek, jew jekk is-sessjoni fuq Apply4EP tiskadi (massimu ta' 120 minuta), titlef l-informazzjoni li tkun tellajt u jkollok terġa' tibda mill-bidu. Għalhekk, qis li tlesti minn qabel id-dokumenti ġustifikattivi kollha li jkollok bżonn tehmeż mal-applikazzjoni.

**Inti meħtieġ timla l-formola tal-applikazzjoni online** u tehmeż, preferibbilment fil-format PDF, id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa. Dawk id-dokumenti jridu jagħtu prova li jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fl-avviż, li jippermettu lill-bord ta' selezzjoni jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw.

Ma jkunx possibbli li tirreġistra wara li jkunu skorrew id-data u l-ħin ta' skadenza stabbiliti fl-avviż. **Huwa ferm irrakkomandat li ma tistenniex sal-aħħar jum biex tippreżenta l-formola tal-applikazzjoni tiegħek.** Il-Parlament Ewropew ma jistax jinżamm responsabbli għal problemi tekniċi tal-aħħar minuta kkawżati minn użu eċċessiv tas-sistema.

L-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti mhijiex se taċċetta applikazzjonijiet li jitressqu bl-idejn.

### 3.1.1 Akkomodazzjoni raġonevoli

Jekk għandek diżabilità jew iċ-ċirkostanzi tiegħek huma tali li jistgħu jinħolqu problemi matul it-testijiet (pereżempju tqala, treddigħ, problemi ta' saħħa, trattament mediku, eċċ.), jeħtieġlek tispeċifika dan fil-formola tal-applikazzjoni. Jekk tixtieq titlob akkomodazzjoni raġonevoli, se tkun meħtieġ timla formola tat-talba, fil-ħin xieraq, akkumpanjata minn ċertifikat riċenti mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku reċenti. Għandu jkun fih id-dijanjożi personali tiegħek jew jispjega jew jikkonferma b'mod ċar is-sitwazzjoni jew il-kundizzjoni tiegħek kif rikonoxxut mis-sistema tas-saħħa nazzjonali tiegħek. Jekk applikabbli, dan għandu jinkludi l-perċentwal tal-ħsara (fiżika jew mentali) tiegħek. L-informazzjoni mogħtija fid-dokumenti ġustifikattivi tiegħek jiġu vvalutati sabiex tkun tista' ssir akkomodazzjoni raġonevoli f'każ ta' bżonn. Għandu jkollok din l-informazzjoni lesta fi żmien qasir sabiex is-Servizz Mediku tal-Parlament jipproċessa t-talba tiegħek ferm qabel it-test(ijiet).

Jekk fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek ma indikajtx li tista' teħtieġ akkomodazzjoni raġonevoli, u jekk tqis li teħtieġ dan aktar tard fil-proċedura, hija r-responsabilità tiegħek li tinforma lill-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti ferm qabel it-testijiet permezz tal-kont Apply4EP tiegħek. **M'għandha tintbagħat l-ebda informazzjoni medika lill-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti.**

Jekk jogħġbok innota li s-software tal-ittestjar online (TestWe) bħalissa mhuwiex aċċessibbli b'mod diġitali. F'każ ta' problema waqt l-ittestjar, ikollok tikkuntattja l-helpline tal-fornitur tas-servizz bit-telefown. Għalhekk se jsiru arranġamenti alternattivi, fejn xieraq, għall-kandidati (eż. dawk b'diffikultà fil-vista jew fis-smigħ jew dawk b'disturb fid-diskors u/jew fil-lingwa) li jkunu talbu akkomodazzjoni raġonevoli u dment li t-talba tagħhom tiġi approvata mis-Servizz Mediku tal-Parlament.

## *3.2 Kif tibgħat il-fajl komplut?*

1. Applika online billi tuża l-link imniżżel fl-avviż u, b'reqqa, imla l-istadji kollha. Għall-finijiet ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni, irid ikollok kont wieħed BISS fuq il-pjattaforma Apply4EP, li inti tista' toħloq billi tikklikkja fuq il-buttuna "Applika online".

2. **Ehmeż id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa**, wara li l-ewwel tkun ikkonvertejthom preferibbilment fil-format PDF. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw. Il-pjattaforma Apply4EP tippermettilek ittella' dokumenti ta' mhux aktar minn **5 MB** għal kull dokument.

3. Ivvalida l-applikazzjoni tiegħek billi ssegwi l-istruzzjonijiet f'Apply4EP u qabel id-data tal-iskadenza indikata fl-avviż. **Qis li l-formola tal-applikazzjoni tiegħek tkun mimlija b'mod korrett u akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa qabel**

**tissottomettiha. Ladarba tkun ivvalidajtha, ma tkun tista' tibdilha bl-ebda mod u lanqas ma tkun tista' żżid dokumenti magħha.**

*3.3 Liema dokumenti ġustifikattivi għandek tehmeż mal-fajl?*

### 3.3.1 Kummenti ġenerali

Id-dokumenti, preferibbilment fil-format PDF, li tkun tellajt meta tkun applikajt online mhux bilfors ikunu kopji ċċertifikati bħala awtentiċi.

Ir-referenzi għal siti web u għal kontijiet tal-media soċjali ma jikkostitwux dokumenti ġustifikattivi validi.

Dokumenti stampati minn siti web mhumiex se jitqiesu bħala ċertifikati, iżda jistgħu jinhemżu purament bħala informazzjoni addizzjonali.

***Curriculum vitæ* mhuwiex meqjus bħala dokument ġustifikattiv tal-esperjenza professjonali, tal-kwalifiki jew tal-għarfien lingwistiku.**

Inti u tikkompila l-fajl tiegħek, ma tistax tirreferi għal formoli tal-applikazzjoni jew għal kwalunkwe dokument ieħor imtella' b'rabta ma' applikazzjoni preċedenti.

### 3.3.2 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibilità ġenerali

F'dan l-istadju l-ebda dokument ma huwa meħtieġ biex jiġġustifika li inti:

— ċittadin(a) ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

— tgawdi d-drittijiet ċivili tiegħek;

— tissodisfa kwalunkwe obbligu impost fuqek mil-liġijiet dwar is-servizz militari;

— għandek ir-referenzi tal-karattru adatti f'dak li jirrigwardja l-idoneità biex twettaq il-kompiti kkonċernati;

**Billi timmarka din il-kaxxa, inti tiddikjara solennement** li tissodisfa l-kriterji u li l-informazzjoni fornuta hija veraċi u kompleta. F'każ li tkun irreklutat, se tintalab tipprovdi dawn id-dokumenti.

### 3.3.3 Dokumenti ġustifikattivi għall-kriterji ta' eleġibilità speċifiċi, il-preselezzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalifiki

Jeħtieġlek tipprovdi lill-bord ta' selezzjoni l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jippermettulu jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-formola tal-applikazzjoni.

- **Diplomi u/jew ċertifikati li jiċċertifikaw it-tlestija tal-istudji**

Jeħtieġlek tipprovdi, f'forma ta' dokumenti, preferibbilment fil-format PDF, mehmuża mal-applikazzjoni online, id-diplomi tal-edukazzjoni sekondarja jew ogħla, il-kwalifiki universitarji jew iċ-ċertifikati li jiċċertifikaw l-istudji tal-livell meħtieġ fl-avviż. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw.

Il-bord ta' selezzjoni se jqis is-sistemi edukattivi differenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (l-Anness I u l-Anness II ta' din il-gwida). Id-diplomi, sew jekk maħruġa fi Stat Membru jew f'pajjiż mhux tal-UE, iridu jkunu rikonoxxuti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE, bħall-Ministeru għall-Edukazzjoni. Jekk għandek diplomi maħruġa f'pajjiż mhux tal-UE jeħtieġlek tehmeż mal-applikazzjoni tiegħek ekwivalenza tal-UE għad-diplomi. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki mhux tal-UE fin-networks ENIC-NARIC (https://www.enic-naric.net/).

Għad-diplomi postsekondarji, jeħtieġlek tehmeż l-aktar informazzjoni dettaljata possibbli, speċjalment dwar s-suġġetti studjati u t-tul ta' żmien tal-istudju ta' dawn is-suġġetti u, sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista', jekk stipulat fl-avviż, jivvaluta r-rilevanza tad-diplomi għat-tip ta' funzjonijiet li jridu jitwettqu.

Jekk se tissottometti diplomi relatati ma' taħriġ tekniku jew professjonali, kors ta' perfezzjonament jew speċjalizzazzjoni, jeħtieġlek tindika jekk kontx kors full-time jew part-time jew kors ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti u t-tul uffiċjali tal-korsijiet. Jekk jogħġbok tella' din l-informazzjoni f'dokument wieħed, preferibbilment fil-format PDF.

- **Esperjenza professjonali**

L-esperjenza professjonali se titqies biss jekk **inkisbet wara l-kisba tad-diploma jew iċ-ċertifikat meħtieġ**. Id-dokumenti ġustifikattivi jridu jagħtu prova **tat-tul u l-livell** tal-esperjenza professjonali u **x-xogħol li għandu jitwettaq** irid jiġi **deskritt b'mod kemm jista' jkun dettaljat** sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jivvaluta r-rilevanza tal-esperjenza tiegħek għat-tip tal-funzjonijiet li jridu jitwettqu. Jekk għandek aktar minn dokument wieħed għall-istess perjodu ta' esperjenza professjonali, jeħtieġlek ittellagħhom f'dokument wieħed. Il-pjattaforma Apply4EP tippermettilek ittella' dokumenti ta' mhux aktar minn 5 MB għal kull dokument.

Il-perjodi kollha tal-esperjenza professjonali kkonċernati jridu jkunu koperti minn dokumenti ġustifikattivi, speċjalment:

— ċertifikati mill-impjegaturi preċedenti u mill-impjegatur tiegħek li jiċċertifikaw li għandek l-esperjenza professjonali mitluba għall-ammissjoni għall-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni;

— jekk, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ma tistax tehmez tali dikjarazzjonijiet, huwa essenzjali li, minflokhom, tforni fotokopji tal-kuntratt tax-xogħol jew tal-ittra ta' reklutaġġ u tal-ewwel u l-aħħar karta tas-salarju;

— meta x-xogħol ma twettaqx għal impjegatur (bħala persuna li taħdem għal rasha, membru ta' professjonijiet liberali, eċċ.), se jiġu aċċettati bħala prova riċevuti li jagħtu dettalji dwar is-servizzi fornuti jew kull dokument ġustifikattiv uffiċjali ieħor li jkun rilevanti.

Kull perjodu ta’ esperjenza professjonali jista’ jitqies darba biss. L-esperjenza professjonali għandha tkun rilevanti għall-kompiti meħtieġa, għandha tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv u għandha tkun rimunerata. Madankollu, każijiet partikolari ta’ esperjenza professjonali jitqiesu kif ġej:

- esperjenza professjonali bħala voluntier: jekk tkun irregolata b’kuntratt jew bi ftehim formali ekwivalenti u jekk iddum mhux anqas minn ħames xhur full-time. Il-kreditu totali għall-esperjenza bħala voluntier m’għandux ikun aktar minn sena.
- traineeships imħallsa jew mhux imħallsa: jekk ma jiffurmawx parti minn kors ta’ studju u jekk ma damux anqas minn ħames xhur full-time. Il-kreditu totali għat-traineeships m’għandux ikun aktar minn sena. It-tul minimu tat-traineeships li jridu jiġu kkompletati biex tinkiseb aċċess għal professjoni biss għandu jiġi ttrattat bħala esperjenza professjonali rilevanti, u biss jekk il-persuna kkonċernata tkun fil-fatt kisbet d-dritt li teżerċita l-professjoni inkwistjoni;
- servizz militari jew ċivili obbligatorju: ikkreditat għat-tul ta’ żmien li fil-fatt dam is-servizz. F’dan il-każ speċifiku, tali esperjenza għandha titqies irrispettivament mid-data li fiha nkisbet id-diploma li tagħti aċċess għall-grupp ta’ funzjonijiet u l-grad rilevanti;
- leave tal-maternità/paternità/adozzjoni/ġenituri/familja: jekk kopert minn kuntratt ta’ impjieg; jitqies bħala xogħol 100 fil-mija irrispettivament minn jekk itteħidx fuq bażi full-time jew half-time;
- dottorat: għal massimu ta’ tliet snin, dment li d-dottorat ikun fil-fatt inkiseb;
- xogħol part-time: ikkalkulat pro rata abbażi tan-numru ta’ sigħat maħduma (eż. jumejn f’ġimgħa tax-xogħol ta’ ħamest ijiem għal tul ta’ 10 xhur ikunu jgħoddu bħala 4 xhur). Madankollu, il-bord ta’ selezzjoni, filwaqt li jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu, jista’ jiddeċiedi li jqis bħala esperjenza full-time esperjenza ta’ xogħol li tammonta għal mill-inqas esperjenza half-time. Dan ifisser li esperjenza professjonali ta’ 50 fil-mija tal-ħin tax-xogħol normali jew aktar meta mqabbel max-xogħol full-time tista’ tiġi kkalkulata bħala full-time (i.e. 100 fil-mija).

- **Għarfien lingwistiku**

L-ebda dokument mhu meħtieġ fil-fajl tal-applikazzjoni biex tagħti prova li għandek għarfien lingwistiku indikati fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ħlief fil-każijiet speċifiċi previsti fl-avviż. Madankollu, għall-profili tal-lingwisti jeħtieġlek tipprovdi prova tal-għarfien tat-tielet lingwa tiegħek u, possibilment, ir-raba’ lingwa tiegħek, li kull każ iridu jkunu fost l-erbgħa u għoxrin lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u jeħtieġlek tispeċifika l-livell ta’ għarfien tal-lingwa.

- **Evalwazzjoni tal-kapaċitajiet**

Għall-profili tal-lingwisti, u jekk stipulat fl-avviż, jeħtieġlek tirrispondi serje ta’ mistoqsijiet. Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-avviż u t-tweġibiet tiegħek se jiġu vvalutati mill-bord ta’ selezzjoni. Il-kandidati kollha f’kompetizzjoni/proċedura ta’ selezzjoni jeħtiġilhom iwieġbu l-mistoqsijiet kollha. Ladarba tkun lestejt id-dokument, jeħtieġlek ittellgħu mal-applikazzjoni tiegħek fil-post ipprovdut għal dak l-għan. It-tweġibiet ta’ kull kandidat jiġu ppreżentati lill-bord ta’ selezzjoni fl-istess format, sabiex il-bord tal-għażla jkun jista’ jfassal valutazzjoni dettaljata u oġġettiva tal-mertu komparattiv tal-kandidati kollha.

- **Formola ta’ dikjarazzjoni**

Jekk l-avviż jirrikjedi li inti timla dikjarazzjoni, din trid timtela kif xieraq f’konformità mal-avviż u mtella’ fil-kaxxa “Dikjarazzjoni” pprovduta għal dan il-għan meta tissottometti l-

formola ta' applikazzjoni online, . Għandek tkun taf li n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, jew is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni mhux kompluta, jagħmlu l-applikazzjoni inammissibbli.

## 4. ESKLUŻJONI

Tiġi eskluż minn kull stadju ta' kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jekk:

- tkun ħloqt aktar minn kont wieħed;
- tkun għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew issottomettejt dokumenti foloz
- ma tkunx attendejt għal wieħed mit-testijiet jew għal iktar;
- tkun qarraqt waqt it-testijiet;
- tkun għamilt tentattiv biex tikkuntattja membru tal-bord ta' selezzjoni b'mod mhux awtorizzat;
- tkun poġġejt il-firma tiegħek jew marka distintiva fuq it-testijiet bil-miktub jew prattiċi kkoreġuti b'mod anonimu;

Hemm ir-riskju li tiġi eskluż jekk ma tkunx irrispettajt l-istruzzjonijiet mogħtija għat-testijiet online.

Jeħtieġlek tagħti prova tal-ikbar integrità. Kull frodi jew tentattiv ta' frodi jkun soġġett għal sanzjonijiet.

## 5. AVVIŻ

Hija r-responsabilità tiegħek li tieħu l-miżuri kollha sabiex l-applikazzjoni online tiegħek, ikkompletata kif xieraq, u akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi meħtieġa kollha, tiġi vvalidata f'Apply4EP sal-iskadenza stabbilita fl-avviż.

Kull applikazzjoni li titressaq permezz ta' Apply4EP tiġi kkonfermata b'email li tispeċifika li l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Jekk jogħġbok iċċekkja l-folder tal-ispam tiegħek.

Jekk ma rnexxielekx toħloq kont Apply4EP jew iltqajt ma' problemi tekniċi, inti mitlub tikteb lil: PERS-APPLY4EPContacts@europarl.europa.eu.

**L-applikazzjonijiet sottomessi permezz ta' Apply4EP biss se jiġu kkunsidrati. Għaldaqstant, huwa inutli li tibgħat applikazzjoni bil-posta, irreġistrata jew le. L-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti wkoll mhijiex se taċċetta applikazzjonijiet li jitressqu bl-idejn.**

L-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti hija inkarigata mill-komunikazzjoni mal-kandidati sa tmiem il-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni.

Kull korrispondenza tal-Parlament Ewropew b'rabta mal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni, inklużi l-istediniet għat-testijiet u l-komunikazzjoni tar-riżultati, se tintbagħat lill-kandidati bl-email fl-indirizz indikat fil-formola tal-applikazzjoni online f'Apply4EP. Hija r-responsabilità tiegħek li tivverifika regolarment il-messaġġi fil-mailbox tiegħek u li taġġorna d-dettalji personali tiegħek fil-kont tiegħek Apply4EP.

Inti mitlub ma ċempilx lill-L-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti. Inti għandek tissottometti kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok billi twieġeb għall-email li tikkonferma l-applikazzjoni online tiegħek.

F'każ li jkollok bżonn ċertifikat ta' attendenza għat-test (ijiet), għandek tibgħat it-talba tiegħek lill-L-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti billi twieġeb għall-email li tistiednek għat-test (ijiet), wara s-sessjoni tal-ittestjar.

Sabiex tinżamm l-indipendenza tal-bord ta' selezzjoni, inti ma tista' fl-ebda ċirkustanza tikkuntattja, b'mod dirett jew indirett, il-bord ta' selezzjoni; jekk tagħmel hekk, inti tista' tiġi eskluż.

## 6. INFORMAZZJONI ĠENERALI

### *6.1 Opportunitajiet indaqs*

Il-Parlament Ewropew jiżgura li jevita kull forma ta' diskriminazzjoni.

Huwa japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jilqa' l-applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

### *6.2 Talbiet għal aċċess mill-kandidati għall-informazzjoni li tikkonċernahom*

Fil-kuntest tal-kompetizzjoni/proċeduri ta' selezzjoni, jiġi rikonoxxut id-dritt speċifiku tal-kandidati li jkollhom aċċess, skont il-kondizzjonijiet deskritti hawn taħt, għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. B'hekk, il-Parlament Ewropew jista' jagħti lil kandidat, fuq talba, l-informazzjoni li ġejja:

(a) jekk fl-avviż hemm previst test MCQ, il-kandidati li ma jkunux għaddew minn dak it-test jew li ma jkunux fost dawk li ġabu l-ogħla marki bħala kundizzjoni għall-ammissjoni għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni, jistgħu jiksbu kopja tat-tweġibiet tagħhom flimkien mat-tweġibiet korretti. It-talbiet jridu jsiru permezz tal-kont Apply4EP **fi żmien xahar** mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika r-riżultati;

(b) jekk fl-avviż ikun previst evalwatur tat-talent, il-kandidati li mhumiex fost dawk ammessi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni/tal-proċedura ta' selezzjoni abbażi tal-punti li jkunu rċevew fl-evalwatur tat-talent, jistgħu jiksbu l-punti li jkunu rċevew għal kull waħda mill-mistoqsijiet fl-evalwatur tat-talent. Jekk applikabbli fil-proċedura, jistgħu jiksbu wkoll kopja tat-tweġibiet tagħhom flimkien mat-tweġibiet korretti fit-test MCQ. It-talbiet jridu jsiru permezz tal-kont Apply4EP **fi żmien xahar** mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika d-deċiżjoni;

(c) jekk l-istadju tal-valutazzjoni tal-kwalifiki jkun previst fl-avviż, il-kandidati li ma jkunux fost dawk ammessi għat-testijiet ikunu jistgħu jiksbu l-punti li rċevew għal kull wieħed mill-kriterji prinċipali tal-valutazzjoni tal-kwalifiki. Jekk applikabbli fil-

proċedura, jistgħu jiksbu wkoll kopja tat-tweġibiet tagħhom flimkien mat-tweġibiet korretti fit-test MCQ u l-punti li jkunu rċevew għal kull waħda mill-mistoqsijiet fl-evalwatur tat-talent. It-talbiet jridu jsiru permezz tal-kont Apply4EP **fi żmien xahar** mid-data li fiha ntbagħtet l-email tikkomunika d-deċiżjoni;

(d) jekk ikunu previsti testijiet bil-miktub fl-avviż, il-kandidati li ma jkunux għaddew minn dawn it-testijiet jew li ma jkunux ġew mistiedna għat-testijiet orali jistgħu jiksbu kopja mhux immarkata tal-testijiet orali jistgħu jiksbu kopja mhux ikkoreġuta ta' dawn it-testijiet flimkien mal-grilja tal-valutazzjoni individwali (li tindika l-punti miksuba għal kull kriterju prinċipali ta' valutazzjoni). Jekk applikabbli fil-proċedura, jistgħu jiksbu wkoll kopja tat-tweġibiet tagħhom flimkien mat-tweġibiet korretti fit-test MCQ, il-punti li jkunu rċevew għal kull waħda mill-mistoqsijiet fl-evalwatur tat-talent u l-punti li jkunu rċevew għal kull kriterju prinċipali ta' valutazzjoni. It-talbiet jridu jsiru permezz tal-kont Apply4EP tagħhom **fi żmien xahar** mid-data li fiha ntbagħtet l-email tikkomunika d-deċiżjoni;

(e) il-kandidati li jkunu ġew mistiedna għat-testijiet orali iżda li mhumiex inklużi fil-lista tal-kandidati idonei mhux se jiġi informati bir-riżultati tagħhom fit-testijiet qabel ma l-bord ta' selezzjoni jkun stabbilixxa l-lista. Huma jistgħu, fuq talba, jiksbu kopja mhux ikkoreġuta tat-testijiet bil-miktub tagħhom u l-grilji tal-valutazzjoni individwali tagħhom (li jistabbilixxu l-punti miksuba għal kull wieħed mill-kriterji prinċipali ta' evalwazzjoni) għal kull test bil-miktub u orali, kif ukoll, jekk applikabbli fil-proċedura, kopja tat-tweġibiet tagħhom flimkien mat-tweġibiet korretti fit-test MCQ, il-punti li rċevew għal kull waħda mill-mistoqsijiet fl-evalwatur tat-talent u l-punti li rċevew għal kull wieħed mill-kriterji prinċipali fil-valutazzjoni tal-kwalifiki. It-talbiet jridu jsiru permezz tal-kont Apply4EP tagħhom **fi żmien xahar** mid-data li fiha ntbagħtet l-email tikkomunika d-deċiżjoni li isimhom ma jiġix inkluż fil-lista tal-kandidati idonei;

(f) il-kandidati mniżżla fil-lista tal-kandidati idonei jiġu informati biss li huma għaddew mill-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni. Tali kandidati jistgħu madankollu jissottomettu talba għal aċċess għall-informazzjoni skont il-punti (e) hawn fuq. It-talbiet jridu jsiru permezz tal-kont Apply4EP tagħhom ***fi żmien xahar*** mid-data li fiha ntbagħtet l-email tikkomunika d-deċiżjoni li isimhom jiġi inkluż fil-lista tal-kandidati idonei;

L-ipproċessar ta' dawn it-talbiet irid ikun kompatibbli mas-segretezza tax-xogħlijiet tal-bord ta' selezzjoni prevista mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (l-Anness III, l-Artikolu 6) li jipprekludi kemm id-divulgazzjoni tal-pożizzjonijiet meħuda mill-bord ta' selezzjoni kif ukoll id-divulgazzjoni kull informazzjoni relatata ma' valutazzjonijiet ta' natura personali jew komparattiva dwar il-kandidati. Dawn it-talbiet jiġu wkoll ipproċessati fir-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward l-ipproċessar tad-data personali. Il-Parlament se jirrispondi għat-talbiet ta' aċċess għal informazzjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.

### *6.3 Protezzjoni ta' data personali*

Il-Parlament Ewropew, bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet/tal-proċeduri ta' selezzjoni, jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata fir-rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment

liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE[3], speċjalment rigward il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħhom.

### *6.4 Spejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza f'każ ta' testijiet organizzati bi preżenza fiżika*

F'każ ta' testijiet organizzati bi preżenza fiżika, tingħata kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza lill-kandidati mistiedna. Il-kandidati jingħataw id-dettalji tal-proċedura u r-rati applikabbli fl-email tal-istedina tagħhom għat-testijiet.
Nota: Uffiċjali u aġenti oħra koperti mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra, li huma mistiedna jipparteċipaw f'testijiet, biss jekk ikunu organizzati bi preżenza fiżika, fil-qafas ta' kompetizzjoni jew proċedura ta' selezzjoni, li jistgħu jkunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet.

L-indirizz indikat mill-kandidati fil-formola tal-applikazzjoni f'Apply4EP jitqies bħala l-post li minnu l-kandidat jitlaq biex jattendi t-testijiet li għalihom ġie mistieden. F'dan ir-rigward, bidla fl-indirizz ikkomunikata mill-kandidat wara li l-Parlament Ewropew ikun bagħat l-istedina għat-testijiet ma tistax tiġi kkunsidrata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew iqis li ċ-ċirkostanzi msemmija mill-kandidati jikkostitwixxu forza maġġuri jew każ eċċezzjonali.

## 7. TALBIET GĦAL RIEŻAMI - ILMENTI U RIKORSI- ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

L-informazzjoni rigward it-talbiet għal rieżami, ir-rikorsi u l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew jinsabu fl-Anness III ta' din il-gwida.

[3] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

# ANNESS I

**Tabella indikattiva** tal-kwalifiki tal-**Unjoni Ewropea** li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AD[1] (kull każ għandu jiġi eżaminat għalih):

| PAJJIŻ | Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar | Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Licence/Licentiaat / Diplôme d'études approfondies (DEA) / Diplôme d'études spécialisées (DES) / Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) / Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) / Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) / Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS) Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS)/ Aggregaat Ingénieur industriel/Industrïeel ingenieur / Master — 60/120 ECTS / Master complémentaire — 60 ECTS ou plus Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS) — 30 ECTS Doctorat/Doctoraal Diploma | Bachelor académique (dit «de transition») - 180 ECTS Academisch gerichte Bachelor - 180 ECTS |
| **България** | Диплома за висше образование Бакалавър — 240 ECTS / Магистър — 300 ECTS / Доктор Магистър след Бакалавър — 60 ECTS / Магистър след Професионален бакалавър по … — 120 ECTS | |
| **Česká republika** | Diplom o ukončení vysokoškolského studia / Magistr / Doktor | Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář) |
| **Danmark** | Kandidatgrad/Candidatus / Master/Magistergrad (Mag.Art) / Licenciatgrad / Ph.d.-grad | Bachelorgrad (B.A or B. Sc) / Professionsbachelorgrad / Diplomingeniør |
| **Deutschland** | Master (alle Hochschulen) / Diplom (Univ.) / Magister / Staatsexamen / Doktorgrad | Bachelor / Fachhochschulabschluss (FH) Staatsexamen (Regelstudienzeit 3 Jahre) |
| **Eesti** | Rakenduskõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) / Magistrikraad / Arstikraad / Hambaarstikraad / Loomaarstikraad / Filosoofiadoktor / Doktorikraad (120–160 ainepunkti) | Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti) / Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti) |
| **Éire/Ireland** | Céim Onórach Bhaitsiléara (4 bliana/240 ECTS) *Honours Bachelor Degree* (4 *years*/ 240 ECTS) / Céim Ollscoile *University Degree /* Céim Mháistir (60-120 ECTS) *Master's Degree* (60-120 ECTS) / Céim Dochtúra *Doctorate* | Céim Onórach Bhaitsiléara (3 bliana/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) *Honours Bachelor Degree* (3 *years*/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) |
| **Ελλάδα** | Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης) 4 χρόνια (1ος κύκλος) Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδίκευσης (2ος κύκλος) Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος) | |
| **España** | Licenciado / Ingeniero / Arquitecto / Graduado / Máster Universitario / Doctor | Diplomado / Ingeniero técnico Arquitecto técnico/Maestro |

[1] L-aċċess għall-gradi 7 sa 16 tal-grupp ta' funzjonijiet AD huwa soġġett għall-kondizzjoni addizzjonali ta' esperjenza professjonali adegwata ta' mill-anqas sena.

| | | |
|---|---|---|
| **France** | Maîtrise / MST (maîtrise des sciences et techniques) / MSG (maîtrise des sciences de gestion)<br>DEST (diplôme d'études supérieures techniques) / DRT (diplôme de recherche technologique)<br>DESS (diplôme d'études supérieures spécialisées) / DEA (diplôme d'études approfondies)<br>Master 1 / Master 2 professionnel / Master 2 recherche<br>Diplôme des grandes écoles / Diplôme d'ingénieur / Doctorat | Licence |
| **Italia** | Diploma di Laurea (DL) — da 4 a 6 anni / Laurea specialistica (LS) / Laurea magistrale (LM) / Master universitario di primo livello / Master universitario di secondo livello / Diploma di Specializzazione (DS) / Dottorato di ricerca (DR) | Diploma universitario (3 anni) / Diploma di Scuola diretta a fini speciali (3 anni) / Laurea — L180 crediti |
| **Κύπρος** | Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor<br>Master / Doctorat | |
| **Latvija** | Bakalaura diploms (160 kredīti) / Profesionālā bakalaura diploms / Maģistra diploms / Profesionālā maģistra diploms / Doktora grāds | Bakalaura diploms (min. 120 kredīti) |
| **Lietuva** | Aukštojo mokslo diplomas / Bakalauro diplomas / Magistro diplomas / Daktaro diplomas / Meno licenciato diplomas | Profesinio bakalauro diplomas<br>Aukštojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Master / Diplôme d'ingénieur industriel / DESS en droit européen | Bachelor / Diplôme d'ingénieur technicien |
| **Magyarország** | Egyetemi oklevél / Alapfokozat – 240 kredit / Mesterfokozat / Doktori fokozat | Főiskolai oklevél / Alapfokozat – 180 kredit vagy annál több |
| **Malta** | Bachelor's degree / Master of Arts / Doctorate | Bachelor's degree |
| **Nederland** | HBO Bachelor degree<br>HBO/WO Master's degree<br>Doctoraal examen /Doctoraat | Bachelor (WO) |
| **Österreich** | Master Magister/Magistra<br>Magister/Magistra (FH)<br>Diplom-Ingenieur/in<br>Diplom-Ingenieur/in (FH)<br>Doktor/in<br>PhD | Bachelor<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea (FH) |
| **Polska** | Magister / Magister inżynier<br>Dyplom doktora | Licencjat / Inżynier |
| **Portugal** | Licenciado / Mestre / Doutor | Bacharel / Licenciado |
| **Republika Hrvatska** | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica)<br>Stručni Specijalist<br>Master degree (magistar struke) 300 kredit min magistar inženjer/ magistrica inženjerka (mag. ing).<br>Doktor struke / Doktor umjetnosti | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica) |
| **România** | Diplomă de Licenţă / Diplomă de inginer / Diplomă de urbanist / Diplomă de Master / Diplomă de Studii Aprofundate / Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) / Diplomă de doctor | Diplomă de Licență |
| **Slovenija** | Univerzitetna diploma/ Magisterij / Specializacija / Doktorat | Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi |
| **Slovensko** | diplom o ukončení vysokoškolského štúdia / bakalár (Bc.) / magister magister/inžinier / ArtD | diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (bakalár) |

| | | |
|---|---|---|
| **Suomi/ Finland** | Maisterin tutkinto — Magister-examen<br>Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 160 opintoviikkoa — studieveckor)<br>Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen — antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen / Lisensiaatti/Licentiat | Kandidaatin tutkinto - Kandidatexamen / Ammattikorkeakoulututkinto - Yrkeshögskoleexamen (min 120 opintoviikkoa — studieveckor) |
| **Sverige** | Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) / Licentiatexamen / Doktorsexamen<br>Meriter på avancerad nivå: Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng / Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng<br>Meriter på forskarnivå: Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng / Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng | Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng)<br>Meriter på grundnivå: Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor) |
| **United Kingdom** | Honours Bachelor degree / Master’s degree (MA, MB, MEng, MPhil, MSc) / Doctorate | (Honours) Bachelor degree<br>NB: Master’s degree in Scotland |
| | NOTE:<br>UK diplomas awarded until 31 December 2020 are accepted without an equivalence. UK diplomas awarded as from 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence issued by a competent authority of an EU Member State. | |

# ANNESS II

Tabella **indikattiva** tad-diplomi tal-**Unjoni Ewropea** li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AST[2] (kull każ għandu jiġi eżaminat għalih).

| **PAJJIŻ** | **Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)** | **Edukazzjoni postsekondarja (kors postsekondarju mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-anqas sentejn)** |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS) / Diploma secundair onderwijs / Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES) / Getuigschrift van hoger secundair onderwijs / Diplôme d'enseignement professionnel / Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs | Candidature - Kandidaat<br>Graduat - Gegradueerde<br>Bachelier (dit «professionnalisant» ou de «type court»)/ Professioneel gerichte Bachelor — 180 ECTS |
| **България** | Диплома за средно образование / Свидетелство за зрелост / Диплома / Диплома за завършено средно образование / Диплома за средно специално образование | Специалист по … |
| **Česká republika** | Vysvědčení o maturitní zkoušce | Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (DiS.) |
| **Danmark** | Bevis for: Studentereksamen<br>Højere Forberedelseseksamen (HF) / Højere Handelseksamen (HHX) / Højere Afgangseksamen (HA) / Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX) | Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhversakademiuddannelse AK) |
| **Deutschland** | Allgemeine Hochschulreife / Abitur / Fachgebundene Hochschulreife / Fachhochschulreife / Hochschulzugang für beruflich Qualifizierte | |
| **Eesti** | Gümnaasiumi lõputunnistus + riigieksamitunnistus<br>Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta | Tunnistus keskhariduse baasil kutsekeskhariduse omandamise kohta |
| **Éire/Ireland** | Ardteistiméireacht Grád D3 i 5 ábhar / *Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects /* Gairmchlár na hArdteistiméireachta (GCAT) / *Leaving Certificate Vocational Programme* (LCVP) | Teastas Náisiúnta / *National Certificate* /<br>Céim Bhaitsiléara / *Ordinary Bachelor Degree* Dioplóma Náisiúnta (ND, Dip.) / *National Diploma* (ND, Dip.) / Dámhachtain Ardteastas Ardoideachais (120 ECTS) / *Higher Certificate* (120 ECTS) |
| **Ελλάδα** | α) Απολυτήριο Γενικού Λυκείου<br>β) Απολυτήριο Κλασικού Λυκείου<br>γ) Απολυτήριο Τεχνικού — Επαγγελματικού Λυκείου<br>δ) Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου<br>Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου / Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου / Απολυτήριο Γενικού Λυκείου / Απολυτήριο Επαγγελματικού Λυκείου | Δίπλωμα επαγγελματικής κατάρτισης (ΙΕΚ) |
| **España** | Bachillerato Unificado y Polivalente (BUP) + Curso de Orientación Universitaria (COU) / Bachillerato | Técnico superior / Técnico especialista |

[2] L-aċċess għall-grupp ta' funzjonijiet AST huwa soġġett għall-kondizzjoni addizzjonali ta' esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas tliet snin.

| | | |
|---|---|---|
| **France** | Baccalauréat / Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU) / Brevet de technicien | Diplôme d'études universitaires générales (DEUG) / Brevet de technicien supérieur (BTS) / Diplôme universitaire de technologie (DUT) / Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST) |
| **Italia** | Diploma di scuola secondaria superiore (diploma di maturità o esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore) | Certificato di specializzazione tecnica superiore/attestato di competenza (4 semestri) Diploma di istruzione e formazione tecnica superiore (IFTS) / Diploma di istruzione tecnica superiore (ITS)<br>Diploma universitario (2 anni)<br>Diploma di Scuola diretta a fini speciali (2 anni) |
| **Κύπρος** | Απολυτήριο | Δίπλωμα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory) / Higher Diploma |
| **Latvija** | Atestāts par vispārējo vidējo izglītību<br>Diploms par profesionālo vidējo izglītību | Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību |
| **Lietuva** | Brandos atestatas | Aukštojo mokslo diplomas<br>Aukštesniojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Diplôme de fin d'études secondaires et techniques | Brevet de technicien supérieur (BTS) / Brevet de maîtrise / Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU) / Diplôme universitaire de technologie (DUT) |
| **Magyarország** | Gimnáziumi érettségi bizonyítvány / Szakközép-iskolai érettségiképesítő bizonyítvány / Érettségi bizonyítvány | Bizonyítvány felsőfokú szakképesítésről |
| **Malta** | Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher) / Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including systems of knowledge with overall grade A-C) + Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5 /<br>2 A Levels (passes A-E) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent | MCAST diplomas/certificates<br>Higher National Diploma |
| **Nederland** | Diploma VWO / Diploma staatsexamen (2 diploma's) / Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO) / Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO) | Kandidaatsexamen<br>Associate degree (AD) |
| **Österreich** | Matura/Reifeprüfung<br>Reife-und Diplomprüfung<br>Berufsreifeprüfung | Kollegdiplom<br>Akademiediplom |
| **Polska** | Świadectwo dojrzałości<br>Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego | Dyplom ukończenia kolegium nauczycielskiego Świadectwo ukończenia szkoły policealnej |
| **Portugal** | Diploma de Ensino Secundário/ Certificado de Habilitações do Ensino Secundário | |
| **Republika Hrvatska** | Svjedodžba o državnoj maturi<br>Svjedodžba o zavrsnom ispitu | Associate degree<br>Graduate specialist<br>Stručni Pristupnik / Pristupnica |

| | | |
|---|---|---|
| **România** | Diplomă de bacalaureat | Diplomă de absolvire (Colegiu universitar) învăţamânt preuniversitar |
| **Slovenija** | Maturitetno spričevalo (Spričevalo o poklicni maturi) (Spričevalo o zaključnem izpitu) | Diploma višje strokovne šole |
| **Slovensko** | vysvedčenie o maturitnej skúške | absolventský diplom |
| **Suomi/ Finland** | Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus – Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning (Betyg över avlagd yrkesexamen på andra stadiet)<br>Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier) | Ammatillinen opistoasteen tutkinto — Yrkesexamen på institutnivå |
| **Sverige** | Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning) | Högskoleexamen (80 poäng)<br>Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng<br>Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1– 3 år |
| **United Kingdom** | General Certificate of Education Advanced level — 2 passes or equivalent (grades A to E)<br>BTEC National Diploma<br>General National Vocational Qualification (GNVQ), advanced level<br>Advanced Vocational Certificate of Education, A level (VCE A level) | Higher National Diploma/Certificate (BTEC)/SCOTVEC<br>Diploma of Higher Education (DipHE)<br>National Vocational Qualifications (NVQ) and Scottish Vocational Qualifications (SVQ) level 4 |
| | NOTE:<br>UK diplomas awarded until 31 December 2020 are accepted without an equivalence. UK diplomas awarded as from 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence issued by a competent authority of an EU Member State. | |

# ANNESS III

## TALBIET GĦAL RIEŻAMI – ILMENTI U RIKORSI - ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

### A. Talbiet għal rieżami

Inti tista' titlob lill-bord ta' selezzjoni jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu meta jkun iddeċieda li:
- m'intix ammess għall-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni;
- ma jistiednekx għal test (bil-miktub jew orali).
- li ma jinkludikx fil-lista tal-kandidati idonei.

It-talbiet għal rieżami għandhom jintbagħtu permezz tal-kont Apply4EP tiegħek fi żmien **għaxart ijiem kalendarji mid-data meta tintbagħat l-email li tinnotifikak bid-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni**. It-tweġiba tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli.

Deċiżjoni adottata wara talba għal rieżami tissostitwixxi d-deċiżjoni inizjali. Minħabba f'hekk, meta wieħed jew waħda mill-kandidati jiddeċiedu li jressqu talba għal rieżami kontra deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni, huma jintalbu jistennew it-tweġiba tal-bord ta' selezzjoni qabel ma jressqu, eventwalment, ilment jew rikors kontra d-deċiżjoni li qed taffettwahom negattivament.

### B. Ilmenti u rikorsi

Jekk inti tqis li deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni jew ta' awtorità tal-ħatra tkun affettwatek negattivament, inti tista' tressaq, fi kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni, ilment abbażi tal-Artikolu 90(2), tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[1].

L-ilment għandu jiġi indirizzat lil:

M. le Secrétaire général
Parlement européen
Bâtiment ADENAUER
2929 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tista' tressaq ilment permezz ta' email lil Ar90@europarl.europa.eu. Jekk tagħżel li tressaq l-ilment tiegħek permezz tal-email, taċċetta li l-komunikazzjonijiet kollha u d-deċiżjoni finali jintbagħtu fl-indirizz tal-email tiegħek. Barra minn hekk, tajjeb li tkun taf li jekk tibgħat l-ilment tiegħek b'email, mhux meħtieġ li tibgħatu wkoll bil-posta.

Għandu jiġi nnutat li l-awtorità tal-ħatra ma tistax timmodifika jew tħassar id-deċiżjonijiet tal-bord ta' selezzjoni tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni. Jekk inti tixtieq tikkontesta deċiżjoni ta' bord ta' selezzjoni, inti tista' tressaq direttament rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

---

[1] Ara r-Regolament (KEE, Euratom, CECA) Nru 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

tal-Unjoni Ewropea anke jekk preċedentement ma jkun ġie ppreżentat ebda lment fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Meta tikkontesta deċiżjoni tal-awtorità tal-ħatra, ikun biss possibbli li tippreżenta rikors lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea wara li tkun ippreżentajt ilment.

Ir-rikors għandu jitressaq lil:

Tribunal de l'Union européenne
2925 Luxembourg
LUXEMBOURG,

abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 91 tar-Regolament tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

It-tressiq ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ b'mod obbligatorju l-intervent ta' avukat li għandu l-warrant biex jidher quddiem ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li japplikaw għal dawn iż-żewġ tipi ta' appelli jibdew jiddekorru, jew mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni inizjali li tolqtok b'mod negattiv jew, fil-każ ta' talba għal rieżami, mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni meħuda mill-bord ta' selezzjoni wara r-rieżami.

**C. Tressiq ta' lment lill-Ombudsman Ewropew**

Il-kandidati, bħala ċittadini jew residenti tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jindirizzaw ilment lil:

Médiateur européen
1, avenue du Président Robert Schuman - BP 403
67001 Strasbourg Cedex
FRANCE,

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kondizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman[2].

Kun af li l-ilmenti mressqa lill-Ombudsman ma jissospendux il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bi qbil mal-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew ma jeżaminax l-ilmenti meta l-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċedura ġuridika.

It-tressiq ta' talba għal rieżami, ta' lment, ta' rikors, jew ta' lment lill-Ombudsman Ewropew ma jwaqqafx il-ħidma tal-bord ta' selezzjoni.

[2] ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.